MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Numru. 498/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Amabile Aquilina ta' 63 sena, bin il-mejjet Nazzareno u il-mejta Joan nee' Ciantar imwieled Zebbug Malta fl-10 ta' Novembru 1949, u joqghod 'Sunrise', Triq l-Eroj, Zebbug, Malta, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 918449(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Amabile Aquilina, f'ismu proprju, kif ukoll fil-kapacita tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Complete Trading Limited:

1. akkuzat talli f'Ottubru 2007 u/jew f'xi data qabel f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, ai terminu ta'l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta'l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta'l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. F'isem il-kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jigi akkuzat talli f'Ottubru 2007 u/jew f'xi data qabel, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazji jew taxxa li kien messu hallas, xjentement issottometta u/jew ittollera li jigi sottomess mid-Dipartiment tad-Dwana dokument jew informazzjoni f'taghrif lill-Awtoritajiet tad-Dwana, li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li d-deskrizzjoni dwar il-merkanzija moghtija fid-dokument tad-Dwana **SAD Reference No. 2007600714081**, ma kenitx taqbel mat-tghabija misjuba gol-***Container*** **Numru TRLU 560979/0**, fejn minlok 72 *sofa sets* kif kien hemm dikjarat, instabu kwantita ta' **sigaretti,** kif deskritt hawn taht **b'valur totali ta' €151,419.90**, liema sigaretti kienu ukoll *counterfeit*.

1) 600 kaxxa b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna **Business King Size**.
2) 204 Kaxxa b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna **Rothmans Red**.

3) 249 Kaxxa, b’50 kartuna kull kaxxa, b’200 sigarett kull kartuna **Rothmans Blue**.

B’hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta’ Malta, xjentement kellu b’xi mod jaqsam filli bil-qerq jinharab id-**Dazju tas-Sisa** li jammonta ghal €1,153,245.60, **flimkien mad-Dazju ta’ Importazzjoni u t-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) li ammontaw ghal €87,217.86 u €250,539.01 rispettivament**.

Aktar talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 15.03.2007 liema sentenza hija definttiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-*container* bil-merkanzija in kwistjoni gie importat f’Malta mal-vapur *CMA CGM Kingston* fl-24 ta’ Ottubru 2007.

Dana bi ksur ta’l-artikoli:

a) 6(5), 18, 60(a)(b)(k), 61,62(a)(b)(h)(i)(k)(m), 68(1), 69(1)(2) u paragrafu (a) tal-proviso ta’l-Artikolu 62 ta’l-Ordinanza tad-Dwana Kap.37, u l-artikolu 18A ta’l-Att dwar Dazju ta’ importazzjoni Kap.337 tal-Ligijiet tad-Dwana, ki ukoll ta’l-Artikoli 16(1)(j), 17(a) dwar Dazju tas-Sisa, Kap.37.

b) 80 ta’l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru.XXIII ta’l-1998).

5. Akkuzat talli fl-istess data, lok u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg ghalih jew beneficcju ghal haddiehor f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew taghrif falz.

6. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument iffalsifikat.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta’ April 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi dwar il-fattespecje ta’ dana il-kaz ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni. Jirrizulta mill-atti illi fil-25 ta’ Ottubru 2007 wasal *container* f’Malta bin-numru TRLU200760071081 b’taghbija kbira ta’ sigaretti. Illi dana il-*container* kien gie importat mis-socjeta Complete Trading Limited li taghha l-imputat huwa id-direttur. Illi mid-dokumenti kollha li gew ipprezentanti lill-Kontrollura tad-Dwana u cioe’ fid-dikjarazzjoni ta’l-importazzjoni ta’ oggetti gejjien minn barra l-Unjoni Ewropeja, il-fattura, in-*notice of arrival* tal-merkanzija, d-*draft bill of lading* u il-*cargo freight manifesto* gie indikat illi l-merkanzija li kienet ser tigi importata kienet tikkonsisti f’konsenja ta’ sufanijiet u cioe’ “***72 sofa sets***”. Dina il-konsenja kienet gejja minn Dubai u intbaghatet mis-suppliers Red Sea Brokers LLC minn gewwa Dubai.

Fis-26 ta’ Ottrubu 2007, imbaghad l-imputat kien ipprezenta ruhu gewwa l-ufficcju ta’l-Assistant Direttur tad-Dwana Paul Bonello flimkien mal-burdnar tieghu Rocco Agius fejn huwa spjegalu illi kien ghadu kemm irceva telefonata minn ghand is-*supplier* u cioe’ mis-socjeta Red Sea Brokers fejn infurmawh illi huma kienu bi zball ghabbew konsenja sigaretti fil-*container* tieghu u il-merkanzija tieghu kienet intbghatet bi zball lil min kien ordna is-sigaretti. Paul Bonello jaghti parir lill-imputat ihejji affidavit u jipprezenta dokument mis-*supplier* biex jissostanzja dan li qed jallega. L-ghada fis-27 ta’ Ottubru 2007, l-imputat jircevi dikjarazzjoni bil-miktub minn ghand certu Hamri El Massoud ghan-nom tas-socjeta Red Sea

Brokers u hu jiffirma affidavit fid-29 ta' Ottubru 2007 fejn jispjega dak li kien sehh[1]. Isir rapport lill-pulizija mill-Kontrollur tad-Dwana u ghalhekk l-imputat jigi interrogat. Qabel xejn madankollu fl-1 ta' Novembru fil-presenza ta'l-imputat u l-ufficjal investigattiv l-ex-Spettur Kevin Borg li f'dak iz-zmien kien spettur tal-pulizija gewwa l-Economic Crime Unit, jinfetah dana il-*container* u gewwa fih jinstabu:

- 600 kaxxa b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna **Business King Size**.
- 204 Kaxxa b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna **Rothmans Red**.
- 249 Kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna **Rothmans Blue**.

Jigi stabbilit illi l-valur tas-sigaretti huwa ta' €151,419.90. Illi ghalkemm fl-akkuza hemm indikat illi s-sigaretti maqbuda kienu *counterfeit*, madanakollu jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Abela li hejja dina l-istima, li l-valur li inghata lill-prodott kien ta' prodott originali. Di piu' qatt ma issir il-prova jekk dina l-merkanzija fil-fatt kenitx *counterfeit* kif donnu qed jigi allegat fl-akkuza.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jiffaccja akkuzi dwar frodi u falsifikazzjoni u dana apparti l-akkuzi ta'l-evazjoni tad-dazju u tat-taxxa a tenur tal-Kapitoli 37, 337 u 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat

[1] Ara Dokumenti PB1 u PB2 a ols. 50 u 51 ta'l-atti

konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew

b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta’ kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b’qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz,
g. jew ta’ hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta’ krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta’ truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell’ articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e’ necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta’ truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita’ specifika li sservi ta’ supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b’hekk bhala mezz ta’ qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta’ dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta’ apparat estern li jirrivesti bi kredibilita’ l-***

***affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid***
***jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma***

***anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi l-Prosekuzzjoni tallega illi l-imputat kien ser jimporta kwantita' kbira tas-sigaretti, izda sabiex jevadi il-hlas tat-taxxi dovuti fuq dawn is-sigaretti huwa indika uq id-dokumenti kollha ta'l-importazzjoni illi dawn kienu sufanijiet. Il-Qorti, madanakollu tosserva mal-ewwel illi dina l-allegazzjoni ma giet imkien issostanzjata mill-provi. Fl-ewwel lok mill-provi irrizulta illi id-dokumenti a fols. 25 u 26 thejjew minn Mario Hyzler li jagixxi bhala *customs broker*. Ighid illi dana ghamlu fuq struzzjonijiet ta' Agius

Brothers li huma burdnara li hadu hsieb dina il-konsenja. Hyzler ghalhekk ighid illi qatt ma ltaqa' ma'l-imputat. Jixhed Matthew Saliba rappresentant ta' Carmelo Caruana Company Limited li hadet hsieb it-trasport fejn ighid illi l-kumpanija kienet dejjem giet infurmata illi l-*cargo* kien jikkonsisti f'sufanijiet, izda ma jindikax min kien indikalu dan. L-*invoice* u cioe' il-fattura li harrget ghal merkanzija mis-*supplier*, Red Sea Brokers LLC gewwa Dubai, jindika illi l-konsenja kienet tikkonsisti f'72 sofa sets ghal prezz ta $9,288[2].

Illi mix-xhieda ta' Paul Bonello li iz-zmien in kwistjoni kien Assistent Direttur tad-Dwana irrizulta illi hekk kif tasal il-merkanzija Malta l-importatur jigi avzat b'sistema elettronika u jigi indikat lilu jekk il-*container* giex maghzul ghall-ispezzjoni mill-Ufficcjali tad-Dwana. Huwa ighid illi f'dana il-kaz l-*container* gie maghzul ghall-ispezzjoni u dana l-avviz iddahhal fis-sistema elettronika taghhom fil-25 ta' Ottubru 2007 fid-9 ta' fil-ghodu u ghalhekk ighid illi wara saghtejn dana ir-rizultat johrog fuq is-sistema elettronika taghhom. Kwindi jassumi illi f'dana il-hin l-imputat kien avzat illi il-*container* tieghu kien intghazel ghall-ispezzjoni mill-ufficcjali tad-dwana. Ikompli jixhed illi l-imputat mar fl-ufficcju tieghu l-ghada is-26 ta' Ottubru fis-saghtejn ta' wara nofs in-nhar meta dan infurmah illi kien gie avzat mis-supplier Red Sea Brokers illi minflok sufanijiet bi zball kienu intbaghtu sigaretti u dana ghalhekk ghamlu qabel mal-*container* infetah mill-ufficjali tad-dwana. Illi abbazi ta' dawn il-atti, ghalhekk, il-Prosekuzzjoni tallega illi l-imputat ivvinta dina l-istorja u cioe' ta'l-izball fil-konsenja mis-*supplier* u dana sabiex jipprova jiskolpa ruhu minn dak li kien ghamel. Tallega ghalhekk, il-Prosekuzzjoni, illi l-imputat holoq *mis-en-scene* shiha fejn indika illi l-konsenja li kien ser igib kienet wahda ta' sufanijiet u dana sabiex idahhal bil-kutrabandu konsenja sigaretti minghajr ma ihallas it-taxxi kbar li iridu jithallsu skond il-ligi fuq dana il-prodott. Dana certament kien iwassal ghall-arrikkiment sostanzjali da parti tieghu billi huwa kien jevadi il-hlas tad-dazju u taxxi.

---

[2] Ara Dokument a fol.28 tal-process

Illi dawn l-allegazzjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni qatt ma gew sostanzjati bil-provi. Ibda biex, ghalkemm il-Prosekuzzjoni issostni illi permezz ta'l-Interpol huma kienu baghtu komunikazzjoni lil Ministeru tal-Gustizzja gewwa il-United Arab Emirates u dana fis-17 ta' Ottubru 2008, jidher illi ma kien hemm l-ebda risposta ghal dina t-talba. L-investigazzjonijiet, madanakollu waqqfet hemm u ma jidhirx illi saru xi tentattivi ohra sabiex jigi indagat jekk kienx minnu dak li kien qed ighid l-imputat. Lanqas matul il-kors ta' dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni ma pprevaliet ruhha mill-procedura tar-rogatorji sabiex jigi stabbilit jekk il-persuna ta' Hamri El Massoud li iffirma id-dokument u cioe' il-fax, Dokument PB2, kienx verament jezisti. Ma jidhirx illi l-ufficjal tal-pulizija li kien qed jinvestiga dana il-kaz *a tempo vergine*, l-ex Spettur Kevin Borg ma hass li kellu jipprova jaghmel komunikazzjoni ma' dana il-bniedem ghalkemm fuq il-fax hemm indikat numru ta' telefown u numru ta' fax. Il-Qorti ghalhekk ma ghandha l-ebda prova li tindika illi dak li jallega l-imputat hija xi messa in xena mill-bidu sal-ahhar. Ma giet esebieta l-ebda prova fl-atti, per ezempju, in konnessjoni mal-kontijiet bankarji ta'l-imputat jew tas-socjeta Complete Trading Limited, kif lanqas gie stabbilit jekk l-imputat kellux xi negozju fejn kien hemm involut il-bejgh tas-sigaretti. Ghalkemm mill-fedina penali ta'l-imputat jidher illi huwa kien dejjem involut fin-negozju tal-*confectionery*, madanakollu l-Prosekuzzjoni ma tressaqx prova dwar dan. Il-Qorti ghalhekk tistaqsi, kif tista' tasal sabiex tistabbilixxi lil hinn minn kull dubbju illi l-imputat kellu il-*mens rea* necessarja ghall-kummissjoni ta' dan id-delitt abbazi ta' semplici supposizzjoni illi huwa kien jaf illi l-*container* tieghu kien ser jigi spezzjonat u allegatament ghalhekk ivvinta dina l-istorja u ipprokura dawn id-dokumenti foloz. Finalment lanqas ma hemm prova fl-atti illi d-dokumenti ipprokurati sabiex issir dina il-konsenja humiex foloz o meno u senjatament il-fattura esebieta a fol.28 u il-fax Dokument PB2 a fol.51.

Illi l-imputat jikkontendi illi huwa kien ifforma dina il-kumpanija Complete Trading Limited wara li kien iltaqa' ma' persuna ta' nazzjonalita Tunezina bl-isem ta' Salah. Ighid illi billi dan kien strangier huwa talab lill-imputat

jifforma kumpanija f' Malta fuq ismu u dana sabiex ikun jista' jimporta xi merkanzija. Huwa wieghed lill-imputat illi sabiex huwa jagixxi ta' *prestanome* kien lest li ihallsu *commissión* ta' 5% fuq il-bejgh tal-prodott. L-imputat ighid illi ghogbitu dina l-ideja u ghalhekk ifforma l-kumpanija u bdew igibu konsenji tal-prodotti. Ighid illi qabel il-konsenja mertu tal-kawza, kienu diga ingiebu zewg konsenji ohra fejn kien prezenti dana Salah. Dana huwa ikkonfermat mill-burdnar Rocco Agius li jispjega illi kien iltaqa' ma' dina il-persuna ta' nazzjonalita Tunezina in konessjoni mal-konsenji precedenti. L-imputat ighid illi meta wasslet dina il-konsenja Malta, gie infurmat mis-*supplier* illi kienet intabghtet konsenja sigaretti bi zball. Kien avvicina lill-burdnar Rocco Agius u staqsieh x'kien ser jaghmel u dan ta'l-ahhar issuggerielu imur ikellem lil Paul Bonello u fil-fatt kien ukoll akkompanjah. Illi mid-Dokumenti PB1 u PB2 jirrizulta dak kollu li jallega l-imputat.

Illi ghalkemm il-Qorti tistqarr illi ghandha id-dubbji taghha kemm dina l-istorja ta'l-imputat hija wahda verosimili, madanakollu jispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubbju l-akkuzi dwar il-frodi u il-falsifikazzjoni migjuba fil-konfront ta'l-imputat. Il-Qorti, hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxieleix tilhaq dina il-grad ta' prova u dana billi l-provi li hemm fl-atti huma ibbazati biss fuq supposizzjoniiet u mhux fuq fatti sorretti bil-provi. Kif diga inghad ma hemmx l-icken prova li tista titfa' dawl fuq il-hsieb ta'l-imputat li jikkreja messa in xena biex jevadi id-dazju u it-taxxa. Kif lanqas ma hemm prova illi l-imputat iffalsifika id-dokumenti li hemm esbieti l-atti jew uhud minnhom. Lanqas ma jista' jinghad illi l-imputat xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat billi lanqas ma hemm prova fl-atti illi d-dokuemnti jew xi dokument minn dawk esebieti huma foloz u semmai min kien li ikkometta dina il-falsifikazzjoni.

Ghaldaqstant billi hemm dan il-*vacuum* fil-provi, il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi.

**<u>L-akkuzi dwar l-evazjoni tad-dazju, sisa u tat-taxxa tenur tal-Kapitoli 37, 337 u 384 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

Illi l-Qorti diga esprimiet ruhha dwar il-grad ta’ prova milhuqa f’dana il-kaz u ghalhekk hemm dubbju dwar x’kienet l-intenzjoni ta’l-imputat u dwar l-atti kommessi minnu biex isir xi reat. Madanakollu il-Qorti thoss illi fir-rigward ta’ dawn il-ligijiet specjali kellha taghmel paréntesi billi l-ligi timponi certi obbligi fuq l-imputat in konnessjoni ma’ dikjarazzjonijiet maghmula minnu ai fini ta’ hlas ta’ dazju u taxxa fuq importazzjoni ta’ merkanzija.

Illi kif diga inghad, l-imputat jikkontendi illi sar zball mis-*supplier* tieghu billi huwa bghatlu merkanzija ta’ haddiehor u mhux dak illi kien ordna hu. Kwindi ma hemmx dubbju u lanqas ma huwa ikkontestat bhala fatt illi id-dokumenti kollha mahruga in konnessjoni mas-*shippment* ta’ dina il-konsenja merkanzija jindikaw tip ta’ merkanzija differenti minn dik li effettivament wasslet Malta.

Illi l-artikolu 61A tal-Kapitolu 37 ighid is-segwenti:
‘**Għall-fini ta’ xi reat taħt din l-Ordinanza, il-Qorti ma għandhiex tieħu konsiderazzjoni ta’ xi dikjarazzjoni bil-fomm jew bil-miktub maħsuba biex tikkoreġi f’xi dettal partikulari dikjarazzjoni li tkun saret qabel lid-Dwana u li ssir meta jkun wasal biex jikxef ir-reat.**’

Illi l-Qorti hassbet fit-tul dwar l-applikazzjoni o meno ta’ dina id-disposizzjoniji tal-ligi ghal kaz in dizamina. Ma hemmx dubbju illi l-imputatipprezenta l-affidavit tieghu u cioe’ dikjarazzjoni hekk kif kien wasal biex jinkixef il-fatt illi il-konsenja kienet wahda ta’ sigaretti u mhux sufanijiet. Madanakollu d-dikjarazzjoni tieghu ma hijix intiza sabiex tikkoreggi xi parti mid-dokumenti li thejjew ai fini ta’ dina il-konsenja. L-imputat ma kellu l-ebda intenzjoni li jikkorreggi n-natura tal-merkanzija indikata fuq id-dokumenti ipprezentati lill-Kontrollur tad-Dwana u cioe’ tal-*bill of lading*, il-*manifesto*, in-*notice of arrival* jew xi dokument iehor fejn kien hemm indikat illi l-merkanzija kienet tikkonsisti f’sufanijiet. Dana ghaliex il-merkanzija li effettivament wasslet Malta huwa beda jallega li ma kenitx tappartjeni lilu u allura kienet ser tintbaghat lura lis-*supplier* sabiex huwa jibaghtlu dak li kien ordna u cioe’ is-sufanijiet. Fil-fatt mid-Dokument PB2 jidher illi s-*supplier*

kien lest li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha li kienu ser jigu inkorsi mill-imputat sabiex issir dina l-operazzjoni. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi dina id-disposizzjoni tal-ligi ma issibx applikazzjoni ghal dana il-kaz u kwindi dak dikjarat minnu fl-affidavit tieghu ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni bhala prova fil-kawza. Ghaldaqstant billi ma hemmx prova fl-atti li tindika illi l-konsenja tas-sigaretti kienet verament intiza ghall-imputat u li d-dokumenti kollha li hemm fl-atti huma foloz, kwindi l-imputat ma huwiex tenut ghal hlas ta'l-ebda taxxa jew dazji fuq merkanzija li ma giex ippruvat li tappartjeni lilu.

Illi fil-fatt l-artikolu 60(k) tal-Kapitolu 37, indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju jipprovdi dwar:

"**jekk oġġetti jkunu mportati minn xi persuna li tkun xjentement imdaħħla f'xi evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana, jew tal-liġijiet u restrizzjonijiet ta' dwana, dwar l-importazzjoni, ħatt,trasbord, żbark u kunsinna ta' oġġetti jew b'kull mod ieħor li jmur kontra din l-Ordinanza ….**"

L-artikolu 18 fl-istess vena jiddisponi:

**"Kull min jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih, koll b'oġġetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni tagħhom, jew, direttament jew indirettament, jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih jew jiddikjara jew iġiegħel li jiġi ddikjarat koll bħala li fih oġġetti ta' isem, li mbagħad jinsab, qabel jew wara l-kunsinna tagħhom, li fih oġġetti oħra, jew oġġetti suġġetti għal rata akbar jew għal ammont ieħor ta' dazju divers minn dak li għandu jitħallas fuq l-oġġetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oġġetti ta' ġewwa fih ikunu ġew iddikjarati, din il-persuna teħel, għal kull reat bħal dan …"**

Imbaghad l-artikolu 62 ukoll jitkellem dwar ix-xjenza tal-importatur li jaghmel frodi kontra il-Gvern billi tigi evaza id-dazju u it-taxxa.

Illi il-Kapitolu 382 ukoll jitkellem dwar l-intenzjoni qarrieqa tal-frodatur meta jiddisponi fl-artikolu 16(1)(j):
“**Kull min ikun b’xi mod xjentement involut f’xi evażjoni jew tentattiv ta’ evazjoni ta’ dazju li ghandu jingabar bis-sahha ta’ dana l-Att**…”

Illi id-dicitura ta’ dawn il-ligijiet kollha titkellem dwar ix-xjenza ta’l-importatur sabiex jiddefroda lill-Gvern. Illi kif diga inghad iktar ‘il fuq u a skans ta’ repetizzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi l-imputat kellu dina ix-xjenza u cioe’ li kellu l-intenzjoni diretta u positiva li johloq messa in xena sabiex jimporta konsenja sigaretti minghajr ma ihallas id-dazju u it-taxxa relattiva ghall-istess.

Ghaldaqstant abbazi ta’ dawn il-konsiderazzzjonijiet l-imputat qed jigi illiberat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta’ provi

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------